MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru. 90/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joey Cauchi, ta' 28 sena, bin Francesco u Doris nee' Cassar, imwieled Victoria nhar il-11 ta' Novembru, 1981, residenti fil-fond numru Villa Wied Biljun, Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 27981G**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joey Cauchi li gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Settembru, 2010, u granet ta' qabel gewwa l-Qala,

a) saq vettura tat-tip *quad bike* ghamla Kawsaki KFX 700, bin-numru tax-*chassis* JKASU6B1158504341, meta in-numri tar-registrazzjoni kien BANDIT (ta New York, America), minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Transport Malta, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli talli fl-istess data hin u cirkustanzi minghajr ma kellux licenza tas-sewqan mil-Pulizija jew mil-Tansport Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni -- u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta Malta;

c) fl'istess data, hin lokk u cirkustanzi saq vettura meta ma kienx koperti b'polza ta' l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta-artikolu 3 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta Malta;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-art 17, 18, 21 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku A.L. 128/1994 Art 3 Kap 104 Art

15(1)(a)(3) tal-Kap 65 issib lill-imputat hati tal-akkuzi mibjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ elfejn u hames mitt euro (€2500);

Finalment il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------